# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLETTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru, 2005 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 1 | | |

## AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport Town Twinning.
(4) Amministrazzjoni tal-Kunsill.
(5) Servizz Kuntrattwali.
(6) Ħruġ ta' Tenders (Bulky Refuse – Sweeping) (Public Gardens – Accountant).
(7) Delta Project Seville.
(8) Approvazzjoni Tender PR04
(9) Ilmenti
(10) Rapport Finanzjarju April / Settembru 2005
(11) Rapport Finanzjarju Town Twinning.
(12) Rakkomandazzjoni u Sotto Kumitati Wirt Storiku
(13) Ħlas ta' Pagamenti.

## 13 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku, Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-minuti nem com kif ġew presentati.

## 13 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

13(2) .1 Skola Primarja - 11 ta' Ottubru 2005

Laqgħa mal-ġenituri ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Presenti wkoll kien hemm l-Arċipriet u ir-rappreżentanti ta' l-F.E.S.

Dawn il-ġenituri ħassew li donnu ħadd m'hu qed jagħti każ għat-talbiet tagħhom. Is-Sindku ma qabilx ma dan. Stqarr li seba' snin ilu huwa sostna li kellu jitwaqqaf support group iżda ma kellu respons mill-ġenituri.

Minn naħa tiegħu il-Kunsill dejjem offra ħarġiet b'xejn kemm fl-Isla kif ukoll barra mill-Isla

13(2) .2 Saru dawn it-talbiet.

- Tiġi irranġata il-bankina fi Triq il-Vitorja għax tiżloq.
- Il-latrini tax-xatt isiru aċċessibli għal nies bi bżonnijiet specjali.
- Ikun hemm aċċess ħiles u liberu fil-promenade billi ma jkunx hemm imwejjed żejda.
- Ġie issuġerit li jsir lane għal wheelchairs.
- Biex isir sinjal fejn hemm Reserved Parking Bay għad-Diżabilita'.

13(2) .3 Globe Financial Services – 13 ta' Ottubru 2005

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma Ignazio Jacon. Il-laqgħa kienet dwar kif din il-kumpanija tista' tgħin lill-Kunsill fl-attivitajiet tiegħu bħala parti mill-marketing tagħhom.

Għandu jitħejja rapport dwar dan biex b'hekk isir magħruf fejn din il-kumpanija tkun tista' tisponsorja certi attivitajiet soċjail, kulturali u edukattivi mħallsa mill-Kunsill.

13(2) .4 Water Services Corporation – 13 ta' Ottubru, 2005

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqħa mas-sur Steve Zerafa, PRO għall-Water Services Corporation, fejn ġew identifikati mis-Sindku il-problemi li il-Kunsill qed jiltaqa magħhom.

13(2) .5 Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill

Ġew diskussi dawn il-punti :

- Open Market – PRO4 – Pavimentar u Resurfacing

- Ground tal-football sintetiku. Sar kollox kif suppost u ma jidhirx li hemm xi diffikultajiet biex l-applikazzjoni tiġi aċċettata.

- Garage fix-Xatt Nr. 1 – 2 Problema ta' ilma ġewwa. Ġew imsejħa is-sidien tagħha biex jagħtu tagħrif meħtieġ il-problemi li qed jitqiegħed magħhom.

- Wieħed minnhom kien is-Sur Charlie Cachia li kien għamel rapport snin ilu lid-Dipartiment. Kien hemm ukoll is-Sur Arthur Napier (June 18 / 1998) li għandu l-istess problema.

- Ġie miftiehem li ssir laqgħa oħra mal-Perit sabiex jkun hemm żmien biex jinġabar aktar tagħrif dwar din il-problema.

13(2) .6 Reġistrazzjoni tat-tjur minħabba l-Avian influenza.

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li saret laqħa importanti u urġenti fil-Ministeru tal-Ministru George Pullicino, fejn il-Kunsilli ġew magħrufa li l-uffiċċini tal-Kunsilli sejrin jintużaw biex tinġabar u issir reġistrazzjoni minn nies li fil-lokal qedin iżommu tjur fi djarhom (kopja ta' l-ittra bl-istruzzjonijiet mehmuża).

13(2). 7 Għoti ta' l-injections ta' l-influenza.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa qiegħed jagħmel arranġamenti biex tinstab nurse li titħallas mill-Kunsill.

13(2). 8 Preżentazzjoni ta' Computers

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa jrid isib il-ħin opportun biex issir preżentazzjoni tal-computers mill-Manager tal-Lombard Bank fil-Kunsill, fejn ikun mistieden ukoll il-Kumitat Konġunt tal-Kottonera. Dan mhux ħa jsir b'mod uffiċjali. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

13(2) .9 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-30 ta' Settembru, u it-18 ta' Ottubru 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

04/2436/05/I Uffiċju Joseph Muscat Isla

Il-Kunsill irċieva tagħrif dwar sejħa għall-aġenti ta' proġett Nru. 2005/C230/08 dwar Town Twinning.

04/2482/05/I Singers Festival (21 ta' Ottubru 2005)

Il-Kunsill gie mgħarraf b'dak li qed jitħejja għal dan il-Festival . Ġie deċiż li il-Kunsill jagħti donazzjoni ta' Lm 25.

04/2442/05/I International School Day (24 ta' Ottubru 2005)

Il-Kunsill qabel li il-Kunsillier Reno Chircop jattendi għal din l-attivita' li sejjra issir fl-iskola Maria Assunta Girls fit-8.30pm.

04/2440/05/I Ħaddiema IPSL

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali aktar il-quddiem sejjer jinforma lil Kunsill min huma iż-żewġ ħaddiema li sejjer iżomm u fejn sejrin jintbagħtu il-ħaddiema iż-żejda.

04/2457/05/I Storja ta' Nazzjon (18 ta' Ottubru 2005)

Il-Kunsill ġie mistieden mill-proġett Delta għal din il-wirja.

04/2568/05/I Digriet Gran Mastru Claude Le Sengle (31 ta' Ottubru 2005)

Il-Kunsill kien mistieden jattendi għal attivita' b'tifkira ta' l-450 sena minn mindu il-Gran Mastru ħabbar dan id-digriet dwar il-Librerija Nazzjonali.

04/2567/05/I Fondazzjoni Oasi ( 3 ta' Ottubru 2005)

Din il-fondazzjoni qed tħejji attivita' annwali bħala rikonoxximent Nazzjonali għal volontarjat fost iż-żgħażagħ.
Il-Kunsill innomina lil Ramon Mangion, żagħżugħ mill-Isla biex jipparteċipa f'din iċ-ċerimonja u attivita'.

04/2582/05/I

Miss Clementina Aveta bagħtet tifraħ lil Kunsill għas-suċċess fil-konferenza li fiha kienet bħala interpretu simultanju. Talbet ukoll referenza uffiċċjali għal li għamlet waqt il-konferenza.

04/2588/05/I Użu tas-Sala.

Il-Kunsill approva it-talba tas-sinjura Jane Caruana għal nhar il-11 ta' Ġunju 2006 (kopja mehmuża).

04/2600/05/I

Irċivejna dokument mill-Assistent Direttur Lawrence Farrugia dwar il-Programm EU Equal Opportunities Through Empowerment li sa ssir mis-Sinjura Sina Buġeja u Maria Grima għan-naħa tas-South ta' Malta.

04/2608/05/I

Ġejna nfurmati mill-Kumitat Konġunt għall-Kottonera biex ninnominaw lil xi ħadd bħala Liason Officer biex jikkordina mal-Kunsilli rispettivi tal-Kottonera dwar Edukazzjoni Sotto Kumitat – Joseph Casha.

04/2612/05/I L-ittra tas-Sindku ( Management Letter )

Din l-ittra ntbagħtet skond kif kien qed jitlob id-direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (kopja mehmuża).

04/2634/05/I Party għat-tfal ta' l-Ursolini (19 ta' Diċembru 2005)

Il-Kunsill approva it-talba ta' Raymond Gatt biex il-party jinżamm fis-sala tal-Kunsill.

## 13 (3) Proġett Town Twinning

13 (3). 1 Dan il-proġett sar b'suċċess bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru u kien imtella' mill-Kunsill b' fondi mill-Unjoni Ewropeja.

13 (3). 2 Rapport dettaljat li nqara mis-Sindku ġie preżentat u jinsab mehmuż ma' dawn il-minuti.

13 (3). 3 Ir-rapport finanzjarju hu mehmuż ukoll.

13 (3). 4 L-MTA sejra tagħti donazzjoni lill-Kunsill ta' Lm240 biex tkopri parti mill-ispejjeż maħruġa mill-Kunsill.

## 13 (4) Amministrazzjoni tal-Kunsill

13 (4). 1 Ġie suġġerit li jsir bieb tal-ħadid biex jissepara l-Amministrazzjoni mill-parti l-oħra tal-bini tal-Kunsill biex il-parti amministrattiva tkun aktar sigura u protteta speċjalment tul il-ħin tal-ġurnata.

13 (4). 2 Għandu jsir job description ta' l-impjegati u jiġu ippjanat kif jitqassam ix-xogħol aħjar mill-impjegati tal-Kunsill.

## 13 (5) Servizzi Kuntrattwali

Minn tagħrif li ta is-Segretarju Eżekuttiv jidher li is-servizzi kuntrattwali tal-Kunsill kważi beda jiġi fi tmiemu f'Jannar 2006. Għaldaqstant sar qbil biex jibdew isiru il-preparamenti meħtieġa biex joħroġ is-servizzi f'Diċembru 2005. B'hekk dawn is-servizzi jiġu amanded fi żmienhom.

## 13 (6) Ħruġ ta' Tenders Kuntrattwali (Bulk Refuse – Sweeping,

Il-Kunsill qabel li jibda jitħejjew il-preparamenti biex it-tenders joħorġu fi żmienhom skond iż-żmien ta' għeluq ta' kull tender.

## 13 (7) Delta Project Seville

13 (7). 1 Fit-12 ta' Ottubru 2005, saret laqgħa fl-Universita' il-qadima, dwar l-eżibizzjoni li ser issir f'Seville fi Spanja. Ingħata tagħrif ta' dak li hemm bżonn għal din il-wirja.

13 (7). 2 Għal din il-wirja sejjer jieħu sehem is-Sindku Joseph Casha, fejn għal okkażżjoni il-biljett ta' l-ajru huwa mħallas mid-Delta Project. Il-Kunsill irid joħroġ biss l-ispejjeż għal kiri ta' l-istand għal erbat ijiem.

13 (7). 3 Il-Kunsill qabel li is-Sindku Joseph Casha jitla' waħdu minħabba l-ispejjeż aktar li huma nvoluti biex tipparteċipa it-tieni persuna.

13 (7). 4 Aktar tagħrif mehmuż ma dawn il-minuti.

## 13(8) Approvazzjoni Tender PR 04

13 (8). 1 Wara diskussjoni li saret mal-Pada Builders Limited dan qabel li jagħżlu l-offerta tagħhom ta' 5% (ittra mehmuża).

13 (8). 2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-offerta tal-Builders li issa niżlet għal madwar Lm 54000

## 13(9) Ilment

## 13(10) Rapport Finanzjarju April / Settembru 2005

Dan sejjer jiġi preżentat aktar il-quddiem wara li is-Software tas-Sage jkun installat u qed jiffunzjona tajjeb.

## 13(11) Rapport Proġett Town Twinning

13 (11). 1 Ma dawn il-minuti hemm mehmuża l-ispejjeż li saru sa issa biex ittella' dan il-proġett. Dawn jammontaw għal madwar Lm 2900. Dan mhuwiex l-ammont finali.

13(11). 2 Il-fondi ivvutati mill-EU għal dan il-proġett huma 9000 Euros.

## 13(12) Rakkomandazzjoni u Sotto Kumitati Wirt Storiku.

Dan is-Sotto Kumitat sejjer jerġa jagħrbel il-proposti tiegħu mill-ġdid qabel jippreżentahom quddiem il-Kunsill.

Fuq rakkomandazzjoni tas-Sotto Kumitat Anzjani u Familji ġie deċiż li għandu jsir Weekend Break bejn il-ħdax u it-tlettax ta' Novembru fil-Hotel San Antonio.

## 13(13) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 3, 855.33ċ, Lm68.59 u ta' Lm 5

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fis-8.16pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv